MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Talba Numru. 166/2015

**Charles Camilleri KI 572176M u Doreen Camilleri KI171375M**

**vs**

**Giorgia Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Marzu 2015, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, sitt mitt Ewro (€2,600.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, l-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta fis-16 ta' April 2015 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, sitt mitt Ewro (€2,600.00c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------